SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

12 ta' Marzu 2025*

"Għajnuna mill-Istat – Miżura intiża li tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-peniżola Iberika – Kriżi tal-enerġija – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Assenza ta' diffikultajiet serji – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Proporzjonalità – Aspettattivi leġittimi"

Fil-Kawża T-596/22,

**PGI Spain, SL**, stabbilita f'Barcelona (Spanja),

**Berry Superfos Pamplona, SA**, stabbilita f'Navarre (Spanja),

**Promens Packaging, SA**, stabbilita f'Barcelona,

**RPC Envases, SA**, stabbilita f'Madrid (Spanja),

**Zeller Plastik España, SL**, stabbilita f'Barcelona,

irrappreżentati minn P. Holtrop, avukat,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn T. Scharf, I. Georgiopoulos u C.-M. Carrega, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

**Ir-Renju ta' Spanja**, irrappreżentat minn A. Gavela Llopis u M. Morales Puerta, bħala aġenti,

intervenjent,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża),

komposta minn M. van der Woude, President, P. Škvařilová-Pelzl, I. Nõmm (Relatur), G. Steinfatt u D. Kukovec, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Reġistratur: A. Marghelis, amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-17 ta’ Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, PGI Spain, SL, Berry Superfos Pamplona, SA, Promens Packaging, SA, RPC Envases, SA, u Zeller Plastik España, SL, jitolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2022) 3942 final tat-8 ta’ Ġunju 2022 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.102454 (2022/N) – Spanja u SA.102569 (2022/N) – Il-Portugall – Mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-ispiża ta’ produzzjoni maħsub sabiex jitnaqqas il-prezz tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fis-suq Iberiku (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

2 Ir-Renju ta’ Spanja u r-Repubblika Portugiża nnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea fl-20 u fit-23 ta’ Mejju 2022 rispettivament miżura maħsuba sabiex tnaqqas il-prezz tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-peniżola Iberika billi tissussidja l-ispiża tal-inputs tat-teknoloġiji abbażi ta’ kombustibbli fossili (iktar ’il quddiem il-“miżura nnotifikata”).

3 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta’ Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE (ĠU 2015, L 248, p. 9).

4 Fid-deċiżjoni kkontestata, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ddeskriviet il-karatteristiċi essenzjali tal-miżura nnotifikata. Hija rrilevat b’mod partikolari li:

– il-miżura nnotifikata kienet taqa’ fil-kuntest tal-kriżijiet li kellhom jaffaċċjaw is-swieq nazzjonali u internazzjonali tal-enerġija f’dawn l-aħħar deċennji, li wasslu għal prezzijiet ogħla tal-kombustibbli fossili, b’mod partikolari dak tal-gass naturali (punti 4 u 5);

– dan kellu impatt fuq l-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju taħt kuntratti rregolati fi Spanja, jiġifieri l-“precio voluntario para el pequeño consumidor” (PVPC, prezz volontarju għall-konsumaturi ż-żgħar) u l-iskont irregolat għal ċerti konsumaturi vulnerabbli msejjaħ “Bono social” (iktar ’il quddiem, meħuda flimkien, il-“kuntratti rregolati”), u fuq prattikament it-tipi kollha ta’ attività ekonomika (punti 6 u 7);

– is-suq ta’ kuljum tal-elettriku tal-Unjoni Ewropea kien ibbażat fuq metodu ta’ tariffar ibbażat fuq il-prezz marġinali, li kien jimplika li l-prezz tal-elettriku kien stabbilit mill-aħħar sors ta’ produzzjoni neċessarju sabiex tiġi ssodisfatta d-domanda f’mument partikolari, jiġifieri ta’ spiss l-impjanti tal-elettriku li jaħdmu b’kombustibbli fossili, li huma l-impjanti l-iktar onerużi minħabba l-ispejjeż operattivi għoljin tagħhom (punti 20 sa 23 u 34);

– il-miżura nnotifikata kienet tikkonsisti fit-twettiq ta’ pagamenti lill-operaturi ta’ impjanti tal-elettriku li jaħdmu bil-kombustibbli fossili li jinsabu fil-peniżola Iberika sabiex jitnaqqsu

l-prezzijiet tal-elettriku fis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u, konsegwentement, tal-bejgħ bl-imnut (punti 24 u 33 sa 39);

– il-miżura nnotifikata hija, b'mod partikolari, iffinanzjata minn kontribuzzjoni (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjoni") imposta mill-Operador del Mercado Ibérico de la Energía-Polo Español, SA (OMIE) fuq ix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, jiġifieri l-fornituri tal-elettriku u l-konsumaturi li jixtru direttament l-elettriku fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa għall-użu tagħhom stess (iktar 'il quddiem il-"konsumaturi diretti"), proporzjonalment mal-kwantità ta' elettriku li huma kienu jixtru (punti 25 u 44);

– ċerti xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku huma eżentati mill-ħlas tal-kontribuzzjoni u, b'mod partikolari, dawk li kkonkludew kuntratti bi prezz fiss qabel s-26 ta' April 2022, bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet u b'mod partikolari n-notifika tal-kuntratti tagħhom lill-OMIE (iktar 'il quddiem l-"eżenzjoni mill-kontribuzzjoni") (punt 45(d) sa punt 48).

5 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni eżaminat il-klassifikazzjoni tal-miżura nnotifikata fid-dawl tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għalkemm hija qieset li l-miżura nnotifikata kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, din il-konklużjoni ma ġietx estiża għall-eżenzjoni mill-kontribuzzjoni. F'dan ir-rigward, hija qieset li x-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa li kkonkludew ftehimiet maħsuba sabiex ikopru x-xiri tal-elettriku tagħhom qabel l-adozzjoni tal-miżura nnotifikata ma kinux ser jibbenefikaw mill-effetti tal-imsemmija miżura u minn dan iddeduċiet li l-eżenzjoni ma kinitx twassal sabiex tagħtihom vantaġġ selettiv u, għaldaqstant, ma kinitx taqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat (punti 97 sa 106 tad-deċiżjoni kkontestata).

6 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni evalwat il-kompatibbiltà tal-miżura nnotifikata mas-suq intern fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Hija qieset, b'mod partikolari, li l-imsemmija miżura kienet neċessarja, xierqa u proporzjonata (punti 107 sa 154 tad-deċiżjoni kkontestata) u li ma kienet tikser ebda waħda mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU 2019, L 158, p. 54), u tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU 2019, L 158, p. 125) (punti 174 sa 192).

## It-talbiet tal-partijiet

7 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

8 Il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

9 Ir-rikorrenti huma kumpanniji Spanjoli li ma jixtrux l-elettriku tagħhom direttament fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, iżda permezz ta' fornitur tal-elettriku. Sabiex tiġi ggarantita l-istabbiltà tal-prezz tal-provvista tal-elettriku, ir-rikorrenti kkonkludew ftehimiet ta' xiri ta' elettriku. Għal parti mill-provvista tal-elettriku, ir-rikorrenti kkonkludew ftehimiet li jinvolvu impriża li ma hijiex il-fornitur fiżiku tal-elettriku tagħhom u li kienu bbażati fuq pagamenti kumpensatorji skont id-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-prezz iffissat fil-kuntratt. Huma jikklassifikaw dawn it-tipi ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku bħala finanzjarji.

10 Ir-rikorrenti, bħala partijiet ikkonċernati u sabiex jiżguraw is-salvagwardja tad-drittijiet proċedurali li huma jisiltu mill-Artikolu 108(2) TFUE u mill-Artikolu 1(h) tar-Regolament 2015/1589, jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma qisitx li l-miżura nnotifikata kienet tqajjem diffikultajiet serji ta' natura li jiġġustifikaw il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

11 Għandu jitfakkar li l-legalità ta' deċiżjoni, bħalma hija d-deċiżjoni kkontestata, li ma jitqajmux oġġezzjonijiet, ibbażata fuq l-Artikolu 4(3) tar-Regolament 2015/1589, tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk l-evalwazzjoni tal-informazzjoni u tal-provi li l-Kummissjoni kellha fil-fażi tal-eżami preliminari tal-miżura nnotifikata setgħetx oġġettivament tqajjem dubji kemm dwar il-klassifikazzjoni ta' din il-miżura bħala għajnuna kif ukoll dwar il-kompatibbiltà ta' din il-miżura mas-suq intern, peress li tali dubji għandhom jagħtu lok għall-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet ikkonċernati previsti fl-Artikolu 1(h) ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 38, u tal-5 ta' Settembru 2024, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, C-447/22 P, EU:C:2024:678, punt 53).

12 Meta rikorrent jitlob l-annullament ta' deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet, essenzjalment huwa jkun qiegħed jikkontesta l-fatt li d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna inkwistjoni tkun ġiet adottata mingħajr ma din l-istituzzjoni tkun fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, b'mod li tkun kisret id-drittijiet proċedurali tiegħu. Sabiex it-talba għal annullament tiegħu tintlaqa', ir-rikorrent jista' jinvoka kwalunkwe motiv ta' natura li juri li l-evalwazzjoni tal-informazzjoni u tal-elementi li l-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha fil-fażi preliminari ta' investigazzjoni tal-miżura nnotifikata kellha tqajjem dubji dwar il-klassifikazzjoni tal-għajnuna jew il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Madankollu, l-użu ta' tali argumenti ma jistax ikollu l-konsegwenza li jibdel is-suġġett tar-rikors u lanqas li jibdel il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tiegħu. Għall-kuntrarju, l-eżistenza ta' dubji dwar il-klassifikazzjoni jew il-kompatibbiltà hija preċiżament il-prova li għandha tiġi prodotta sabiex jintwera li l-Kummissjoni kienet obbligata tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 Il-prova tal-eżistenza ta' tali dubji, li għandha titfittex kemm fiċ-ċirkustanzi tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet kif ukoll fil-kontenut tagħha, għandha tiġi prodotta minn min jitlob l-annullament ta' din id-deċiżjoni, abbażi ta' sensiela ta' indizji konkordanti (sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 40, u tal-5 ta' Settembru 2024, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, C-447/22 P, EU:C:2024:678, punt 51).

14 B'mod partikolari, in-natura insuffiċjenti jew inkompleta tal-eżami mwettaq mill-Kummissjoni matul il-proċedura ta' eżami preliminari tikkostitwixxi indizju tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji fl-evalwazzjoni tal-miżura inkwistjoni, li l-preżenza tagħhom tobbliga lil din tal-aħħar tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali (sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 41, u tal-5 ta' Settembru 2024, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, C-447/22 P, EU:C:2024:678, punt 52).

15 Barra minn hekk, il-legalità ta' deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet meħuda fi tmiem il-proċedura ta' eżami preliminari għandha tiġi evalwata mill-qorti tal-Unjoni mhux biss fid-dawl tal-informazzjoni li l-Kummissjoni kellha fil-mument meta adottatha, iżda wkoll fid-dawl tal-elementi li hija seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha (ara s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 Issa, l-informazzjoni li l-Kummissjoni "seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha" tinkludi dik li kienet tidher rilevanti għall-evalwazzjoni li kellha ssir konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 11 iktar 'il fuq u li hija setgħet, fuq talba tagħha, tikseb il-produzzjoni tagħha matul il-proċedura amministrattiva (sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 43, u tal-5 ta' Settembru 2024, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, C-447/22 P, EU:C:2024:678, punt 54).

17 Fil-fatt, il-Kummissjoni hija obbligata tmexxi l-proċedura ta' eżami tal-miżuri inkwistjoni b'mod diliġenti u imparzjali sabiex ikollha, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li tistabbilixxi l-eżistenza u, jekk ikun il-każ, l-inkompatibbiltà jew l-illegalità tal-għajnuna, l-elementi l-iktar kompleti u affidabbli possibbli sabiex tagħmel dan (sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 44, u tal-5 ta' Settembru 2024, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, C-447/22 P, EU:C:2024:678, punt 55).

18 Madankollu, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, waqt l-eżami tal-eżistenza u tal-legalità ta' għajnuna mill-Istat, jista' jkun neċessarju li l-Kummissjoni, fejn meħtieġ, tmur lil hinn mill-eżami biss tal-punti ta' fatt u ta' liġi miġjuba għall-għarfien tagħha, minn din il-ġurisprudenza ma jistax jiġi dedott li hija l-Kummissjoni li għandha tfittex, fuq inizjattiva tagħha stess u fin-nuqqas ta' kull indizju f'dan is-sens, l-informazzjoni kollha li jista' jkollha rabta mal-każ li bih hija tkun adita, anki jekk tali informazzjoni tkun tinsab fil-qasam pubbliku (sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Tempus Energy u Tempus Energy Technology, C-57/19 P, EU:C:2021:663, punt 45, u tal-5 ta' Settembru 2024, Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni, C-447/22 P, EU:C:2024:678, punt 56).

19 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq interpretazzjoni żbaljata mill-Kummissjoni tal-miżura nnotifikata, it-tieni wieħed, fuq żbalji fl-evalwazzjoni tan-natura xierqa u proporzjonata tal-miżura nnotifikata, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 10 tar-Regolament 2019/943 u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/944, ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, il-ħames wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

20 Billi jibbażaw ruħhom fuq dawn il-motivi, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma fetħitx il-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-miżura nnotifikata, minkejja li kienu jeżistu dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-miżura mas-suq intern, minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-kontribuzzjoni għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku biss, u mhux għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut, u minħabba l-effetti negattivi li

tali limitazzjoni kellha għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li kkonkludew ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji, bħar-rikorrenti, li fuqhom ġiet mgħoddija l-ispiża tal-kontribuzzjoni mill-fornitur fiżiku tal-elettriku tagħhom mingħajr ma bbenefikaw minn tnaqqis fil-prezz tal-elettriku tagħhom.

*Fuq il-provi u l-argumenti tar-rikorrenti ppreżentati fl-10 ta' Awwissu 2023*

21 Il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja jqisu li l-provi u l-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti fl-10 ta' Awwissu 2023 bi tweġiba għan-nota ta' intervent tar-Renju ta' Spanja għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, peress li dawn ġew ippreżentati tardivament. Il-Kummissjoni żżid li huma, fi kwalunkwe każ, ineffettivi, peress li seħħew wara d-deċiżjoni kkontestata u għalhekk ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-istħarriġ tal-legalità tagħha.

22 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, waqt il-preżentata tal-osservazzjonijiet tagħhom fl-10 ta' Awwissu 2023, ir-rikorrenti ppreżentaw provi ġodda, li jirrigwardaw, minn naħa, l-emenda tal-miżura nnotifikata wara d-deċiżjoni kkontestata, li issa tippermetti lix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku jinnotifikaw lill-OMIE l-ftehimiet tagħhom ta' xiri tal-enerġija għall-perijodu minn Mejju sa Diċembru 2023, u, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2023 li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward ta' din l-emenda tal-miżura.

23 Mingħajr ma huwa neċessarju li wieħed jistaqsi fuq il-kwistjoni dwar jekk dawn l-elementi l-ġodda u l-argumenti relatati magħhom humiex jew le ta' natura tardiva tali li tirrendihom inammissibbli, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li tali elementi ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, kif ġustament issostni l-Kummissjoni.

24 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 15 iktar 'il fuq jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni seta' kellha fil-mument meta adottatha. Din hija applikazzjoni partikolari tal-prinċipju iktar ġenerali li jipprovdi li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, il-legalità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata skont il-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data meta dan l-att ġie adottat, b'tali mod li atti sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ma jistgħux jaffettwaw il-validità tagħha (ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, Alcogroup u Alcodis vs Il-Kummissjoni, C-403/18 P, EU:C:2019:870, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Il-provi prodotti mir-rikorrenti fl-10 ta' Awwissu 2023 u, konsegwentement, l-argumenti ta' dawn tal-aħħar relatati magħhom ma jistgħux, għaldaqstant, jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

*Fuq l-ewwel u r-raba' motiv ibbażati, rispettivament, fuq interpretazzjoni żbaljata mill-Kummissjoni tal-miżura nnotifikata u n-natura diskriminatorja tagħha*

26 Il-Qorti Ġenerali tqis li dawn iż-żewġ motivi għandhom jiġi eżaminati flimkien.

27 Abbażi tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-analiżi mill-Kummissjoni tal-funzjonament tal-miżura nnotifikata ma hijiex preċiża, peress li minnha ma jirriżultax b'mod ċar jekk hija ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li x-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut użaw ukoll mekkaniżmi ta' kopertura tax-xiri tagħhom ta' elettriku ekwivalenti għal dawk tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, inklużi ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li

l-użu ta' dan it-tip ta' ftehimiet jirriżulta mill-organizzazzjoni ġuridika tas-suq tal-elettriku skont id-dritt tal-Unjoni u jikkostitwixxi struttura kuntrattwali sempliċi u kurrenti li l-Kummissjoni ma setgħetx tinjora.

28 Minn dan ir-rikorrenti jiddeduċu li l-Kummissjoni kienet f'sitwazzjoni ta' inċertezza fir-rigward tad-determinazzjoni eżatta tal-atturi li jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni. Dan wassalha sabiex tawtorizza skema ta' għajnuna li l-konformità tagħha mad-dritt tal-Unjoni kienet dubjuża. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw li, għalkemm il-Kummissjoni tindika li bbażat ruħha għall-bżonnijiet tal-evalwazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni pprovduta mir-Renju ta' Spanja u mir-Repubblika Portugiża fin-notifika tagħhom kif ukoll fuq l-informazzjoni addizzjonali ppreżentata minn dawn l-Istati Membri, din l-informazzjoni differenti ma kinitx aċċessibbli għalihom. Huma għalhekk jitolbu li l-Kummissjoni ddaħħal fil-proċess in-notifiki kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti dwar il-miżura nnotifikata li ġiet ikkomunikata lilha mill-imsemmija Stati Membri.

29 Permezz tar-raba' motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma eżaminatx il-konformità tal-miżura nnotifikata mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. F'dan il-kuntest, huma jsostnu, essenzjalment, li l-kriterju ta' paragun rilevanti ma setax ikun dak tal-akkwist fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut, iżda kellu jkun dak relatat mal-"kapaċità li tkopri u li tirrendi koperti l-provvisti tal-elettriku tagħha", u jenfasizzaw ix-xebh kbir li jeżisti bejn is-sitwazzjoni tagħhom u dik tal-konsumaturi diretti fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, jiġifieri l-impriżi li jakkwistaw, għall-bżonnijiet tagħhom, l-elettriku f'dan is-suq.

30 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju ta' Spanja, tqis li dawn iż-żewġ motivi ma jurux l-eżistenza ta' diffikultajiet serji.

31 Mill-qari flimkien ta' dawn iż-żewġ motivi jirriżulta li r-rikorrenti, essenzjalment, iressqu tliet ilmenti sabiex juru l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li jiġġustifikaw il-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali. L-ewwel nett, huma jikkunsidraw li mill-qari tad-deċiżjoni kkontestata tirriżulta l-eżistenza ta' inċertezza fir-rigward tad-determinazzjoni eżatta tax-xerrejja tal-elettriku li jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni. It-tieni nett, huma jsostnu li l-Kummissjoni ma setgħetx tinjora li ċerti xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku kienu jiżguraw l-istabbiltà tal-prezzijiet tal-provvista tagħhom permezz ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji. It-tielet nett, huma jqisu li x-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li jirrikorru għal tali ftehimiet jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-konsumaturi diretti fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, b'tali mod li l-miżura nnotifikata tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

32 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 4 sa 7, 24 u 33 sa 39 tad-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, li l-għan tal-miżura nnotifikata huwa li jipprovoka tnaqqis fil-prezzijiet tal-elettriku fil-kuntest ta' pressjoni qawwija ta' żieda fil-prezzijiet tal-kombustibbli, li hija marbuta ma' kuntest ta' kriżijiet li s-swieq nazzjonali u internazzjonali tal-enerġija kellhom jaffaċċjaw, u, min-naħa l-oħra, li l-miżura hija intiża li tilħaq dan l-għan permezz tas-sussidju ta' ċerti sorsi tal-elettriku sabiex jinkiseb tnaqqis fil-prezz fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, li għandu jwassal, konsegwentement, għal tnaqqis fil-prezzijiet fis-suq tal-bejgħ bl-imnut.

33 Fir-rigward, l-ewwel nett, tas-sorsi tal-enerġija ssussidjati, mill-punti 33 sa 39 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-miżura nnotifikata għandha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-impjanti tal-elettriku li jaħdmu b'kombustibbli fossili u li twassal għal tnaqqis tal-offerti li

huma jissottomettu għall-irkant kuljum, b'mod partikolari, fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku. Skont il-punt 43, il-kalkolu tas-sussidju korrispondenti u l-pagament effettiv tiegħu jaqgħu taħt l-OMIE.

34 Fir-rigward, it-tieni nett, tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, minn naħa, mill-punt 44 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dawn, bħala benefiċjarji tat-tnaqqis tal-prezzijiet fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, huma suġġetti għal kontribuzzjoni li tkopri, parzjalment, l-ispiża tal-miżura li l-ammont tagħha huwa ddeterminat mill-OMIE skont il-volum tal-akkwisti tagħhom fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa. Min-naħa l-oħra, mill-punt 45(d) tad-deċiżjoni kkontestata u mill-Artikolu 8(3) tal-miżura nnotifikata jirriżulta li huma eżentati mill-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni għall-parti tax-xiri tal-elettriku tagħhom li għaliha kkonkludew kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezz fiss qabel s-26 ta' April 2022, bla ħsara għan-notifika tal-imsemmija kuntratti lill-OMIE fit-termini speċifikati mill-imsemmija miżura. Mill-punti 46 sa 48 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li din l-eżenzjoni hija ta' natura temporanja peress li hija intiża li ma tapplikax iktar meta l-kuntratti jiġġeddu.

35 Fir-rigward, it-tielet nett, tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut, minn qari flimkien, b'mod partikolari, tal-punti 6, 35, 49, 50 u 134 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li ssir distinzjoni skont jekk dawn ikkonkludewx, jew le, kuntratti rregolati, jiġifieri l-konsumaturi li jibbenefikaw mit-tariffa PVPC u mill-iskont imsejjaħ "Bono social".

36 Fil-fatt, huwa biss fir-rigward tal-kuntratti rregolati li t-trasferiment kemm tat-tnaqqis fil-prezz tal-elettriku kif ukoll tal-ammont tal-kontribuzzjoni huwa ta' natura obbligatorja. Fir-rigward tal-kuntratti mhux irregolati, l-awturi tal-miżura nnotifikata stennew, għal dawk li kienu bi prezzijiet dinamiċi, jiġifieri li kienu jirriflettu direttament il-varjazzjonijiet tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa fil-prezzijiet tal-konsum, li kemm it-tnaqqis fil-prezz tal-elettriku fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa kif ukoll l-ammont tal-kontribuzzjoni kienu ser jingħaddu direttament lill-konsumaturi finali. Għat-tipi l-oħra ta' kuntratti mhux irregolati, l-imsemmija awturi qiesu li t-trasferiment tat-tnaqqis tal-prezz tas-suq bl-ingrossa u tal-kontribuzzjoni jirriżulta mill-applikazzjoni tal-kompetizzjoni, peress li kien jeżisti numru kbir ta' fornituri bl-imnut fis-suq Spanjol u f'dak Portugiż.

37 Fit-tieni lok u konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq l-inċertezza dwar il-portata tal-estent tal-eżenzjoni fid-deċiżjoni kkontestata huwa fattwalment infondat. Fil-fatt, mill-punti 34 u 35 iktar 'il fuq jirriżulta, minn naħa, li l-imsemmija eżenzjoni tapplika esklużivament għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa li kkonkludew kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezz fiss qabel s-26 ta' April 2022 u, min-naħa l-oħra, li l-effett – kemm tat-tnaqqis tal-prezz fis-suq bl-ingrossa kif ukoll tal-eventwali ħlas tal-kontribuzzjoni – fuq il-kuntratti konklużi mill-konsumaturi finali, minbarra l-kuntratti rregolati, jaqa' taħt l-applikazzjoni tal-operat tal-kompetizzjoni fis-suq tal-bejgħ bl-imnut.

38 B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-punti 48, 80, 104 u 142 tad-deċiżjoni kkontestata, enfasizzati mir-rikorrenti bħala li jimplikaw, essenzjalment, li ċerti xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni, għandu jiġi kkonstatat li dawn ma jistgħux jiġu interpretati f'dan is-sens.

39 L-ewwel nett, il-punt 48 tad-deċiżjoni kkontestata jaqa' fl-ambitu tal-punti 44 sa 48 imsemmija fil-punt 34 iktar 'il fuq, li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni li għaliha huma suġġetti x-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku u l-eventwali eżenzjoni tagħhom. B'mod iktar partikolari, huwa jesponi l-pożizzjoni tal-awtoritajiet Portugiżi u Spanjoli li tgħid li din

l-eżenzjoni hija ta' natura temporanja, peress li ma għadhiex intiża li tapplika fil-każ ta' tiġdid tal-kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezz fiss u, f'dan il-kuntest, jippreċiża li t-tul tagħhom huwa ġeneralment ta' sena.

40 It-tieni nett, il-punt 80 tad-deċiżjoni kkontestata sempliċement ifakkar id-distinzjoni magħmula fil-punt 49 tal-imsemmija deċiżjoni u msemmija fil-punt 35 iktar 'il fuq, fir-rigward tat-trasferiment tal-ammont tal-kontribuzzjoni, li hija ta' natura obbligatorja għall-konsumaturi li jaqgħu taħt kuntratti rregolati u li hija mistennija għall-oħrajn.

41 It-tielet nett, mill-punt 104 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta mingħajr ebda ambigwità li dan jirreferi esklużivament għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa. B'mod iktar preċiż, hija eżaminata l-kwistjoni dwar jekk l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw dawk li kkonkludew kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezz fiss qabel id-dħul fis-seħħ tal-miżura nnotifikata hijiex ta' natura li tagħtihom vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

42 Finalment, ir-raba' nett, fir-rigward tal-punt 142 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni tirreferi espliċitament fl-ewwel sentenza tiegħu għall-fatt li "l-miżura teżenta mill-obbligu ta' ħlas tal-kontribuzzjoni lix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, għall-parti tax-xiri tagħhom tal-elettriku li għaliha kkonkludew kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezz fiss qabel s-26 ta' April 2022". Għaldaqstant, il-kunsiderazzjonijiet sussegwenti dwar l-importanza ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-prezzijiet permezz ta' koperturi finanzjarji ma jistgħux jinftiehmu bħala li jissuġġerixxu, kif isostnu r-rikorrenti, li l-kuntratti kollha konklużi għal finijiet ta' kopertura, inklużi minn xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evitat li l-ispiża tal-kontribuzzjoni tiġi, anki indirettament, mgħoddija fuqhom.

43 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-użu mix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji, dan lanqas ma jista' jintlaqa'.

44 Ċertament, il-ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji tat-tip bħal dawk konklużi mir-rikorrenti għandhom karatteristiċi speċifiċi li, fir-rigward tal-funzjonament tal-miżura nnotifikata, jimplikaw għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li kkonkludewhom trasferiment tal-ammont tal-kontribuzzjoni, iżda mhux tat-tnaqqis fil-prezz tal-elettriku. Fil-fatt, għalkemm il-miżura nnotifikata għandha bħala konsegwenza t-trasferiment tal-ispiża tal-kontribuzzjoni mill-fornitur fiżiku, l-applikazzjoni ta' kuntratt ma' impriża oħra, li hija bbażata fuq pagamenti kumpensatorji skont id-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-prezz iffissat fl-imsemmi kuntratt, għandha bħala effett li l-imsemmija xerrejja ma jibbenefikawx mit-tnaqqis globali tal-prezz tal-elettriku mistenni mill-awturi tal-miżura nnotifikata.

45 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jurux li kienu jeżistu indizji li jimplikaw li ċerti ftehimiet ta' xiri tal-elettriku konklużi mix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut, minħabba l-istruttura tagħhom, ma kinux adattati, jew mhux adattati biżżejjed, sabiex it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-elettriku jgħaddi għas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, indizji li setgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni tmur lil hinn mis-sempliċi eżami tal-punti ta' fatt u ta' liġi miġjuba għall-attenzjoni tagħha, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 18 iktar 'il fuq.

46 L-ewwel nett, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, ir-rikorrenti sempliċement jenfasizzaw li l-"Kummissjoni taf mingħajr dubju bl-eżistenza ta' [ftehimiet ta' xiri ta' elettriku] fit-tul", b'dan l-għarfien dedott mill-possibbiltà, li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, li konsumatur jagħżel dan

it-tip ta' modalitajiet ta' provvista tal-elettriku. Madankollu, tali allegazzjoni ma tippermettix li jiġi kkonfermat li l-użu minn xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji kien ta' natura magħrufa meta l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

47 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti jirreferu b'mod ġenerali għal ċerti dokumenti tal-Kummissjoni, mingħajr ma jidentifikaw is-siltiet tal-imsemmija dokumenti li jirrigwardaw il-promozzjoni ta' strutturi kuntrattwali ekwivalenti għal dawk li huma ffavorixxew. Dan huwa l-każ fir-rigward tal-Proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti 2019/943 u (UE) 2019/942 u kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u 2019/944 sabiex tittejjeb l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (COM/2023/148 final) jew fir-rigward tad-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 intitolat "Linji gwida għall-Istati Membri dwar l-aħjar prattiki biex jitħaffu l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli" (SWD/2022/0149 final). Għalkemm, ċertament, dawn id-dokumenti jenfasizzaw l-interess li tista' tirrappreżenta l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku, huma ma jindirizzawx il-każ partikolari tal-ftehimiet tat-tip ta' dawk konklużi mir-rikorrenti, li ma jirreferu, barra minn hekk, għal ebda silta preċiża tal-imsemmija dokumenti.

48 F'dan ir-rigward, l-unika prova prodotta mir-rikorrenti li, skont il-preżentazzjoni tagħhom, tinvoka l-istruttura kuntrattwali tagħhom ta' provvista hija studju mwettaq għan-nom tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Kummissjoni. Madankollu, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li din hija analiżi prospettiva dwar il-possibbiltajiet li jiġu żviluppati l-ftehimiet ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli – inklużi dawk tan-natura ta' dawk konklużi mir-rikorrenti – fl-Unjoni. Għaldaqstant, din ma hijiex ta' natura li turi li l-użu ta' dan it-tip ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku mix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut kien ta' natura magħrufa li jimplika li l-Kummissjoni kellha hija stess tieħu inkunsiderazzjoni l-eżistenza tagħhom waqt l-eżami tal-miżura nnotifikata.

49 Fir-rigward, fir-raba' lok, tal-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, sa fejn f'dan il-kuntest ir-rikorrenti jikkritikaw il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-kontribuzzjoni għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa biss, dan lanqas ma jista' jintlaqa'.

50 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li tali kritika hija ekwivalenti għal kritika li l-Kummissjoni ma rrilevatx li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-kontribuzzjoni kien iwassal sabiex jagħti vantaġġ selettiva biss lix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u, għaldaqstant, kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

51 Fil-fatt, l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività tal-vantaġġ hija intiża preċiżament sabiex tidentifika l-eżistenza ta' trattament iddifferenzjat li jista', essenzjalment, jiġi kklassifikat bħala diskriminatorju. Hija timplika li għandu jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, il-miżura nazzjonali inkwistjoni tkunx tali li tiffavorixxi "ċerti kumpanniji jew ċerti prodotti" meta mqabbla ma' oħrajn, li jkunu jinsabu, fir-rigward tal-għan imfittex minn din is-sistema, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group SA *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 It-tieni nett, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 97 sa 101, 104 u 105 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-imsemmija eżenzjoni kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u kkonkludiet li dan ma kienx il-każ, peress li l-kundizzjoni ta' selettività inerenti għal dan il-kunċett ma kinitx issodisfatta fir-rigward tagħha.

Min-naħa l-oħra, mill-punt 104 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod iktar partikolari li l-Kummissjoni ddeċidiet biss b'mod espliċitu fuq il-kwistjoni dwar jekk id-differenza fit-trattament bejn ix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, skont jekk kinux jibbenefikaw jew le minn eżenzjoni, kinitx il-kawża ta' vantaġġ selettiv, iżda ma ttrattatx l-eventwali eżistenza ta' vantaġġ selettiv minħabba l-esklużjoni mill-benefiċċju tal-eżenzjoni tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut.

53 Madankollu, it-tielet nett, fid-dawl tal-loġika tal-miżura nnotifikata, kif imfakkra fid-deċiżjoni kkontestata (ara l-punti 32 sa 36 iktar 'il fuq), kien evidenti li x-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-bejgħ bl-imnut ma kinux f'sitwazzjoni paragunabbli mill-perspettiva tal-mod kif it-tnaqqis tal-prezzijiet fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u l-ħlas tal-kontribuzzjoni kien intiż li jiġi rifless fil-prezz tal-elettriku, b'tali mod li l-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tiddeċiedi espliċitament il-kwistjoni dwar jekk il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-kontribuzzjoni biss għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa kinitx tikkostitwixxi vantaġġ selettiv.

54 Fil-fatt, fir-rigward, minn naħa, tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, huma jixtru direttament l-elettriku tagħhom bil-prezz li jirriżulta minn dan is-suq. Il-vantaġġ li huma jibbenefikaw minnu jiddependi preċiżament mid-differenza, ikkalkolata mill-OMIE, bejn, minn naħa, il-prezz tas-suq kif jirriżulta mis-sussidju ta' ċerti sorsi tal-enerġija u, min-naħa l-oħra, dak li kien ikun fl-assenza ta' tali sussidju. Bl-istess mod, l-OMIE huwa inkarigat li jiddetermina b'mod preċiż l-ammont tal-kontribuzzjoni kif ukoll l-eżenzjoni għax-xerrejja li ma kinux f'pożizzjoni li jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-imsemmija prezzijiet.

55 Min-naħa l-oħra, il-prezz fis-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku huwa stabbilit abbażi tal-provvista u tad-domanda f'dan it-tieni suq. Kif ġie espost fil-punt 36 iktar 'il fuq, din il-kunsiderazzjoni ttieħdet inkunsiderazzjoni mill-awturi tal-miżura nnotifikata, peress li dawn – bl-eċċezzjoni tal-kuntratti rregolati – kienu jipprevedu trasferiment indirett tat-tnaqqis tal-prezz tal-elettriku, iżda wkoll tal-ammont tal-kontribuzzjoni fuq il-konsumaturi, minħabba l-kompetizzjoni f'dan is-suq, b'riferiment għan-numru kbir ta' fornituri bl-imnut fi Spanja u fil-Portugall.

56 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet ilment tar-rikorrenti ma huwiex tali li juri l-eżistenza ta' diffikultajiet serji ta' natura li jiġġustifikaw il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

57 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li huma jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-konsumaturi diretti fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa.

58 Minn naħa, tali argument huwa bbażat fuq il-premessa li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni hija stess in-natura speċifika tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li rrikorrew għal ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji. Issa, għar-raġunijiet esposti fil-punti 43 sa 48 iktar 'il fuq, tali premessa ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni.

59 Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, għalkemm l-akkwist tal-elettriku mill-konsumaturi diretti fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa joqrob, permezz tal-għan tiegħu, għal dak tar-rikorrenti, fis-sens li dan isir għall-konsum tagħhom stess u mhux għal finijiet ta' provvista ta' elettriku lil xerrejja sussegwenti, xorta jibqa' l-fatt li dan l-akkwist isir f'żewġ swieq differenti li għalihom l-iffissar tal-prezzijiet ma jsegwix l-istess loġika, u dan kif ġie espost fil-punti 53 u 54 iktar 'il fuq.

60 Fid-dawl tal-premess, l-ewwel u r-raba' motiv għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

61 Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti maħsuba, essenzjalment, sabiex jiddaħħlu fil-proċess in-notifiki magħmula mir-Renju ta' Spanja u mir-Repubblika Portugiża kif ukoll l-iskambji ta' dawn l-Istati Membri mal-Kummissjoni, għandu jitfakkar li hija l-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa l-utilità tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura mitluba minn waħda mill-partijiet prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 1999, Séché vs Il-Kummissjoni, T-112/96 u T-115/96, EU:T:1999:134, punt 284).

62 Sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tiddetermina jekk huwiex utli għall-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura li tordna l-produzzjoni ta' ċerti dokumenti, il-parti li tkun talbet tali produzzjoni għandha tidentifika d-dokumenti mitluba u tipprovdi lill-Qorti Ġenerali tal-inqas b'informazzjoni minima li turi l-utilità ta' dawn id-dokumenti għall-finijiet tal-kawża (sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 93; ara, ukoll, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2013, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-275/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:535, punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, l-imsemmija parti għandha b'mod partikolari tipproduċi indizji preċiżi u rilevanti ta' natura li jispjegaw kif id-dokumenti inkwistjoni jistgħu jkunu ta' interess għas-soluzzjoni tat-tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, Oikonomopoulos vs Il-Kummissjoni, T-483/13, EU:T:2016:421, punt 253 (mhux ippubblikata)).

63 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li r-rikorrenti kellhom aċċess għat-test tal-miżura nnotifikata u, min-naħa l-oħra, għar-raġunijiet esposti waqt l-eżami ta' dan il-motiv, li din il-miżura hija sostnuta minn loġika ċara bbażata fuq id-distinzjoni bejn akkwisti fis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-bejgħ bl-imnut.

64 It-tieni nett, it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura tar-rikorrenti, minħabba l-portata tagħha, hija intiża sabiex jiġu inklużi fid-dibattitu d-dokumenti tal-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni, minkejja li r-rikorrenti, anki fil-kapaċità tagħhom ta' partijiet interessati, ma għandhomx dritt ta' aċċess għall-imsemmi fajl (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau, C-139/07 P, EU:C:2010:376, punt 58).

65 It-tielet nett, f'dawn iċ-ċirkustanzi, kien ikun neċessarju li r-rikorrenti jipproduċu provi li juru l-idea li, lil hinn mit-test tal-miżura nnotifikata, il-kwistjoni tal-użu mix-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji kienet ġiet ittrattata fl-okkażjoni tal-iskambji madwar in-notifika, ħaġa li kemm il-Kummissjoni kif ukoll ir-Renju ta' Spanja jiċħdu. Issa, għandu jiġi kkonstatat li tali elementi huma nieqsa.

66 Għaldaqstant, it-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

### *Fuq it-tieni motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq in-natura sproporzjonata tal-miżura nnotifikata*

67 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni kellha tikkunsidra li l-miżura nnotifikata ma kinitx ta' natura xierqa u proporzjonata u, għaldaqstant, kellha tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Huma jikkritikaw, f'dan ir-rigward, l-ewwel nett, allegata esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni ta' ċerti modi ta' kif jiġu koperti l-prezzijiet tal-elettriku, jiġifieri l-użu ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji, it-tieni nett, limitazzjoni tal-possibbiltà li

wieħed jibbenefika minn eżenzjoni biss għax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u, it-tielet nett, nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-effetti tal-miżura nnotifikata fuq il-konsumaturi finali li jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħalhom.

68 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju ta' Spanja, tfakkar, preliminarjament, li hija ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tax-xerrejja tal-elettriku fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li jinsabu fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Hija tqis, fi kwalunkwe każ, li l-eżami tal-proporzjonalità tal-miżura nnotifikata ma kien iqajjem ebda diffikultà serja.

69 Preliminarjament, sa fejn dan il-motiv huwa bbażat fuq il-premessa li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tax-xerrejja fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li kkonkludew ftehimiet tat-tip bħal dawk iffavoriti mir-rikorrenti, dan għandu qabelxejn jiġi miċħud, għal raġunijiet simili għal dawk esposti fil-punti 43 sa 48 iktar 'il fuq.

70 Bl-istess mod, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li l-miżura nnotifikata eskludiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tip ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku partikolari jirriżulta minn qari żbaljat tad-deċiżjoni kkontestata. Għar-raġunijiet esposti fil-punti 33 sa 35 iktar 'il fuq, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fil-punt 45(d) tad-deċiżjoni kkontestata ma jiddependix mit-tip ta' ftehimiet konklużi, iżda mis-suq li fih jinxtara l-elettriku.

71 Għalhekk hija rilevanti biss il-kwistjoni dwar jekk il-limitazzjoni tal-eżenzjoni mill-kontribuzzjoni għax-xerrejja fis-suq bl-ingrossa biss kinitx tikkostitwixxi diffikultà serja mill-perspettiva tal-proporzjonalità tagħha.

72 Il-prinċipju ta' proporzjonalità, imfakkar fl-Artikolu 5(4) TUE, jeħtieġ li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jinkisbu l-għanijiet leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 1984, Denkavit Nederland, 15/83, EU:C:1984:183, punt 25), filwaqt li jitqies li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-inqas oneruża u li l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (sentenza tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' sajd għall-pixxispad tal-Mediterran), C-611/17, EU:C:2019:332, punt 55).

73 L-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità minn miżura tinkludi, għalhekk, tliet komponenti. L-ewwel komponent jirrigwarda n-natura xierqa tagħha, jiġifieri l-kapaċità tagħha li tikseb l-għan leġittimu mfittex. It-tieni komponent jirrigwarda n-neċessità tagħha u jimplika li l-imsemmi għan leġittimu ma jistax jintlaħaq b'mezzi inqas onerużi, iżda daqstant xierqa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Dansk Jurist- og Økonomforbund, C-546/11, EU:C:2013:603, punt 69). Fl-aħħar nett, it-tielet komponent, xi drabi kklassifikat bħala "proporzjonalità fis-sens strett", jirrigwarda n-natura proporzjonata tagħha, jiġifieri l-assenza ta' inkonvenjenzi sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2013, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-370/11, EU:T:2013:113, punt 89, u tas-26 ta' Settembru 2014, Romonta vs Il-Kummissjoni, T-614/13, EU:T:2014:835, punt 74).

74 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-komponent relatat man-neċessità tal-miżura nnotifikata, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Kummissjoni ma għandhiex tiddeċiedi b'mod astratt fuq il-miżuri alternattivi kollha li jistgħu jiġu kkunsidrati, peress li, għalkemm l-Istat Membru kkonċernat għandu jesponi b'mod iddettaljat ir-raġunijiet li wasslu għall-adozzjoni tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà adottati, huwa ma

huwiex obbligat juri, b'mod pożittiv, li ebda miżura immaġinabbli oħra, mid-definizzjoni tagħha ipotetika, ma tista' tippermetti li jiġi żgurat l-għan imfittex b'mod aħjar. Għalkemm l-imsemmi Stat Membru ma huwiex suġġett għal tali obbligu, rikorrent ma jistax ikun iġġustifikat li jitlob lill-Qorti Ġenerali tordna lill-Kummissjoni tieħu post l-awtoritajiet nazzjonali f'dan il-kompitu ta' tiftix regolatorju sabiex teżamina kull miżura alternattiva possibbli (ara s-sentenza tas-6 ta' Mejju 2019, Scor vs Il-Kummissjoni, T-135/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:287, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Barra minn hekk, peress li r-rikorrenti jikkontestaw, permezz ta' dan il-motiv, l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ta' skema ta' għajnuna li l-Kummissjoni qieset kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, għandu jitfakkar li din tal-aħħar tibbenefika, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3) TFUE, minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa li l-eżerċizzju tagħha jimplika evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura ekonomika u soċjali (ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Bayerische Motoren Werke u Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni, C-654/17 P, EU:C:2019:634, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata), b'tali mod li l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli ta' proċedura u ta' motivazzjoni kif ukoll għal dik tal-eżattezza materjali tal-fatti u tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, ta' żball ta' liġi u ta' użu ħażin ta' poter (ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Régie Networks, C-333/07, EU:C:2008:764, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Fl-ewwel lok, kif ġie enfasizzat fil-punt 32 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li l-miżura nnotifikata għandha l-għan li tikseb tnaqqis fil-prezzijiet tal-elettriku fil-kuntest ta' pressjoni qawwija ta' żieda fil-prezzijiet tal-kombustibbli marbuta ma' kuntest ta' kriżi li s-swieq nazzjonali u internazzjonali għandhom jaffaċċjaw. Issa, minn naħa, il-materjalità ta' dan il-kuntest ta' kriżi u tal-effetti tiegħu fuq il-prezzijiet ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, tali għan huwa konformi ma' dak previst fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE, intiż sabiex "jirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta' Stat Membru".

77 Fit-tieni lok, kif ġie enfasizzat ukoll fil-punt 32 iktar 'il fuq, il-miżura nnotifikata tfittex li tilħaq dan l-għan permezz tas-sussidju ta' ċerti sorsi tal-elettriku sabiex jinkiseb tnaqqis fil-prezz fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa, li għandu jwassal, konsegwentement, għal tnaqqis fis-suq tal-bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 33 sa 35 u 53 sa 56 iktar 'il fuq, it-trasferiment tat-tnaqqis fil-prezzijiet fis-suq tal-bejgħ bl-imnut, minbarra f'dak li jirrigwarda l-kuntratti rregolati, jaqa' taħt l-applikazzjoni tal-operat tal-kompetizzjoni f'dan is-suq.

78 F'dan il-kuntest, l-ewwel nett, il-Kummissjoni setgħet tikkonstata, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, fil-punti 131 sa 134 tad-deċiżjoni kkontestata li, fl-assenza tal-miżura nnotifikata, l-operat tal-kompetizzjoni ma kienx jippermetti li jintlaħqu dawn l-għanijiet leġittimi.

79 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li kemm l-Artikolu 3(a) u (b) tar-Regolament 2019/943 kif ukoll l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2019/944 jippromwovu l-formazzjoni libera tal-prezzijiet tal-elettriku abbażi tal-provvista u tad-domanda. L-imsemmija artikoli jippreċiżaw li "l-prezzijiet għandhom jiġu stabbiliti abbażi tad-domanda u l-provvista", "ir-regoli tas-suq għandhom jinkoraġġixxu l-formazzjoni libera tal-prezzijiet u għandhom jevitaw l-azzjonijiet li jipprevjenu l-formazzjoni tal-prezzijiet abbażi tad-domanda u l-provvista", "[i]l-fornituri għandhom ikunu ħielsa li jiddeterminaw il-prezz li bih jipprovdu l-elettriku lill-klijenti" u "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa biex jiżguraw kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri".

80 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-miżura nnotifikata, sa fejn tillimita l-intervent dirett tal-awtoritajiet nazzjonali għall-formazzjoni tal-prezzijiet tas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u ma testendihx għas-suq tal-bejgħ bl-imnut, ħlief f'dak li jirrigwarda l-kuntratti rregolati, tippreżerva kemm jista' jkun il-prinċipju ta' ffissar liberu tal-prezzijiet tal-elettriku abbażi tal-provvista u tad-domanda li jinsabu fir-Regolament 2019/943 u fid-Direttiva 2019/944.

81 It-tielet nett, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li t-tnaqqis fil-prezz tal-elettriku fis-suq tal-bejgħ bl-imnut kellu jitfittex billi tiġi prevista l-possibbiltà għax-xerrejja f'dan is-suq li jinnotifikaw il-ftehimiet tagħhom ta' xiri ta' elettriku sabiex jibbenefikaw, bħala tali, minn eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni, huma jressqu approċċ alternattiv għal dak iffavorit mill-Istati Membri u approvat mill-Kummissjoni, li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 74 iktar 'il fuq, ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni.

82 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li l-approċċ li għalih jirreferu r-rikorrenti jitbiegħed iktar mil-loġika tal-prinċipju ta' ffissar liberu tal-prezzijiet li jirriżulta mid-Direttiva 2019/944 u mir-Regolament 2019/943 u għalhekk ma jistax jitqies li huwa neċessarju fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 73 iktar 'il fuq.

83 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

### *Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur mill-miżura nnotifikata tar-Regolament 2019/943 u tad-Direttiva 2019/944*

84 Ir-rikorrenti jsostnu li, peress li l-miżura nnotifikata titbiegħed mill-prinċipju ta' ffissar liberu tal-prezzijiet, din kellha tkun konformi mal-kundizzjonijiet li jippermettu deroga mill-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, li jinsab fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2019/944, li ma kienx il-każ, minħabba l-effetti tal-miżura nnotifikata fuq il-konsumaturi tal-elettriku li jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħalhom.

85 Għandu jiġi kkonstatat li dan il-motiv huwa bbażat esklużivament fuq il-premessa li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tax-xerrejja tal-elettriku fis-suq tal-bejgħ bl-imnut li kkonkludew ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji. Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi miċħud mill-ewwel, għal raġunijiet simili għal dawk esposti fil-punti 43 sa 48 iktar 'il fuq, kif ġustament isostnu l-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja.

### *Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi*

86 Ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-Kummissjoni u, b'mod iktar ġenerali, l-Unjoni ħeġġew il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji, b'mod partikolari bl-għan tal-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli. Minn dan huma jiddeduċu li huma setgħu leġittimament jistennew li ma jiġux ittrattati b'mod inqas tajjeb mill-impriżi li ma kinux fittxew li jkopru r-riskji tas-suq, li jorganizzaw ruħhom aħjar u li jkunu inqas inkwinanti.

87 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju ta' Spanja, issostni li ma setgħet tinħoloq ebda aspettattiva leġittima fi ħdan ir-rikorrenti.

88 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jinsab fost il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni u l-possibbiltà li jiġi invokat hija miftuħa għal kull operatur ekonomiku li fir-rigward tiegħu istituzzjoni, billi tagħtih assigurazzjonijiet preċiżi, toħloq aspettattivi fondati (ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Kone *et* vs Il-Kummissjoni, C-510/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:696, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Tikkostitwixxi tali assigurazzjoni, tkun xi tkun il-forma li taħtha tkun ikkomunikata, informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti u li tkun ġejja minn sorsi awtorizzati u affidabbli. Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur ta' dan il-prinċipju fl-assenza ta' assigurazzjonijiet preċiżi li jkunu ngħatawlu mill-amministrazzjoni (ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2006, TEA-CEGOS *et* vs Il-Kummissjoni, T-376/05 u T-383/05, EU:T:2006:47, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Għandu jiġi kkonstatat li l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq il-premessa li l-Kummissjoni nisslet fir-rigward tagħhom aspettattivi leġittimi li l-konsumaturi finali li rrikorrew għal ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjari kellhom jiġu ttrattati tal-inqas b'mod favorevoli daqs dawk li kkonkludew tipi oħra ta' ftehimiet.

91 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li, għal raġunijiet simili għal dawk esposti fil-punti 46 sa 48 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma jipproduċu ebda prova li turi li informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti u li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli kienet tipprevedi li s-sitwazzjoni tal-konsumaturi li jirrikorru għal ftehimiet ta' xiri ta' elettriku finanzjarji kellha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-kompetenzi tagħha ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

92 Għaldaqstant, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

93 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ebda wieħed mill-motivi mressqa mir-rikorrenti ma jista' juri li l-Kummissjoni kellha tirrileva l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li jimplikaw il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-miżura nnotifikata.

94 Ir-rikors għandu, għalhekk, jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

95 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li dawn jiġu ordnati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni, kif mitlub minn din ta' l-aħħar.

96 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Għalhekk, ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **PGI Spain, SL, Berry Superfos Pamplona, SA, Promens Packaging, SA, RPC Envases, SA u Zeller Plastik España, SL huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess u kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.**

3) **Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.**

| | | |
|---|---|---|
| Van der Woude | Škvařilová-Pelzl | Nõmm |
| Steinfatt | | Kukovec |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Marzu 2025.

Firem